Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Diċembru 2025**
**(OR. en)**

**17050/25**
**ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0422 (COD)**

**SIMPL 218**
**ANTICI 220**
**MI 1084**
**TRANS 664**
**ENV 1432**
**ENT 296**
**SOC 860**
**CODEC 2186**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 993 annex |
| Suġġett: | ANNESSI<br>tar-<br>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL<br>li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 561/2006, (UE) 2018/858, (UE) 2019/2144 u (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi u tal-proċeduri tat-testjar għall-vetturi motorizzati u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE u r-Regolament Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 993 annex.

---

Mehmuż: COM(2025) 993 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 16.12.2025
COM(2025) 993 final

ANNEXES 1 to 2

**ANNESSI**

**tar-**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 561/2006, (UE) 2018/858, (UE) 2019/2144 u (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi u tal-proċeduri tat-testjar għall-vetturi motorizzati u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE u r-Regolament Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

{SWD(2025) 1056 final}

## ANNESS I

L-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella 1, titħassar l-entrata għal “Test fil-laboratorju ta’ temperatura baxxa għall-emissjonijiet”;

(2) fit-Tabella 2, titħassar l-entrata għal “Test fil-laboratorju ta’ temperatura baxxa għall-emissjonijiet”;

(3) fit-Tabella 3, l-entrata għal “Inkwinanti gassużi, PN fl-ittestjar fit-triq (RDE) għal kull fjuwil u għall-kategoriji ta’ vetturi applikabbli (M2, M3, N2 u N3)” hija sostitwita b’dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| “Inkwinanti gassużi, PN fl-ittestjar fit-triq (RDE) għal kull fjuwil u għall-kategoriji ta’ vetturi applikabbli ($M_2$, $M_3$, $N_2$ u $N_3$) | It-testijiet ta’ dimostrazzjoni meħtieġa għall-fjuwils kollha li għalihom tingħata l-approvazzjoni tat-tip għal kull kategorija ta’ vettura u dikjarazzjoni ta’ konformità għall-fjuwils kollha, għat-tagħbijiet utli kollha u għall-kategoriji ta’ vetturi applikabbli kollha (*4) | Mhux meħtieġa | Test meħtieġ fuq vettura bi kwalunkwe fjuwil u fuq kwalunkwe kategorija ta’ vettura u kwalunkwe tagħbija utli għat-tipi kollha ta’ magni kull sentejn (*5)”; |

(4) fit-Tabella 4, l-entrata għal “Inkwinanti gassużi u PN fl-ittestjar fit-triq (RDE) għal kull fjuwil u għall-kategoriji ta’ vetturi applikabbli (M2, M3, N2 u N3)” hija sostitwita b’dan li ġej:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| “Inkwinanti gassużi u PN fl-ittestjar fit-triq (RDE) għal kull fjuwil u għall-kategorija ta’ vetturi applikabbli ($M_2$, $M_3$, $N_2$ u $N_3$) | It-testijiet ta’ dimostrazzjoni meħtieġa għall-fjuwils kollha li għalihom tingħata l-approvazzjoni tat-tip għal kull kategorija ta’ vettura u dikjarazzjoni ta’ konformità għall-fjuwils kollha, għat- | (Ara r-rekwiżiti tal-magna) | Meħtieġa kull sena għal għadd adegwat ta’ kategoriji ta’ vetturi fuq kwalunkwe fjuwil u fuq kwalunkwe kategorija ta’ vettura koperti mill-approvazzjoni tat-tip fir-rigward | Fakultattivi | Meħtieġa/Fakultattivi | Fakultattivi”; |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | taghbijiet utli kollha u għall-kategoriji ta' vetturi applikabbli kollha (*7) | | tal-emissjonijiet (*8) | | | |

(5) fit-Tabella 7, fl-entrata għal "Inkwinanti gassużi, PN fl-ittestjar fit-triq (RDE) għal kull tip ta' fjuwil u għall-kategoriji ta' vetturi applikabbli (M2, M3, N2 u N3)" it-test fit-tieni kolonna huwa sostitwit b'dan li ġej:

"It-testijiet ta' dimostrazzjoni meħtieġa għall-fjuwils kollha li għalihom tingħata l-approvazzjoni tat-tip għal kull kategorija ta' vettura u dikjarazzjoni ta' konformità għall-fjuwils kollha, għat-tagħbijiet utli kollha u għall-kategoriji ta' vetturi applikabbli kollha"

(6) fit-Tabella 8, fl-entrata għal "Inkwinanti gassużi, PN fl-ittestjar fit-triq (RDE) għal kull tip ta' fjuwil u għall-kategoriji ta' vetturi applikabbli (M2, M3, N2 u N3)", it-test fit-tieni kolonna huwa sostitwit b'dan li ġej:

"It-testijiet ta' dimostrazzjoni meħtieġa għall-fjuwils kollha li għalihom tingħata l-approvazzjoni tat-tip għal kull kategorija ta' vettura u dikjarazzjoni ta' konformità għall-fjuwils kollha, għat-tagħbijiet utli kollha u għall-kategoriji ta' vetturi applikabbli kollha".

## ANNESS II

L-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2018/858 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness I, il-Parti A, jiddaħħal il-punt 2.4 li ġej wara l-punt 2.3.1.:

“2.4. Vettura elettrika żgħira:

2.4.1. Vettura elettrika żgħira tfisser vettura purament elettrika li tappartjeni għall-kategorija $M_1$, li għandha tul ta’ mhux aktar minn 4,2 metri.

Għal din is-sottokategorija ta’ vetturi, l-ittra “E” għandha tiżdied bħala suffiss mal-ittra u ċ-ċifra li tidentifikaw il-kategorija tal-vettura (M1).”.

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti I hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata għall-partita B14 hija sostitwita b’dan li ġej:

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| “B14 | Sistemi ta’ Twissija Akustika ta’ Vettura | Ir-Regolament tan-NU Nru 138 * [Serje ta’ emendi 01] | X | X | X | X | X | X | | | | | | ”; |

* Ir-Regolament Nru 138 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta’ Vetturi tat-Trasport bit-Triq Ħiemda fir-rigward tal-livell tal-ħoss imnaqqas tagħhom [2017/71] (ĠU L 9, 13.1.2017, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/71(1)/oj)”;

(ii) l-entrata għall-partita G1 hija sostitwita b’dan li ġej:

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| “G1 | Livell tal-ħoss | Ir-Regolament tan-NU Nru 51** [Serje ta’ emendi 03] | X | X | X | X | X | X | | | | | | |
| | | Ir-Regolament tan-NU Nru 59*** [Serje ta’ emendi 03] | | | | | | | | | | | X | |

** Ir-Regolament Nru 51 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi motorizzati li jkollhom mill-inqas erba’ roti fir-rigward tal-emissjonijiet tal-ħoss tagħhom [2018/798] (ĠU L 138, 4.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/798/oj)

*** Ir-Regolament Nru 59 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta’ sistemi ta’ sajlensers ta’ sostituzzjoni [2025/844] (ĠU L, 2025/844, 30.4.2025, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2025/844/oj)’;

(b) L-Appendiċi 1 huwa emendat kif ġej:

(i) it-Tabella 1 hija emendata kif ġej:

(1) l-entrata għall-partita B14 hija sostitwita b’dan li ġej:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| “B14 | Sistemi ta’ Twissija Akustika ta’ Vettura | Ir-Regolament tan-NU Nru 138 | A | A | A | A”; |

(2) l-entrata għall-partita G1 hija sostitwita b’dan li ġej:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| “G1 | Livell tal-ħoss | Ir-Regolament tan-NU | A | A | A | A”; |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Nru 51 | | | | |

(ii) it-Tabella 2 hija emendata kif ġej:

(1) l-entrata għall-partita B14 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "B14 | Sistemi ta' Twissija Akustika ta' Vettura | Ir-Regolament tan-NU Nru 138 | X | X | X | "; |

(2) l-entrata għall-partita G1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "G1 | Livell tal-ħoss | Ir-Regolament tan-NU Nru 51 | A | A | X (għall-modalità tas-sewqan manwali)<br>A (għall-modalità tas-sewqan kompletament awtomatizzat) | Modalità tat-test meħtieġa. Il-manifattur għandu jiddefinixxi kif għandu jitwettaq it-test f'konformità mal-ġustifikazzjoni teknika bi qbil mas-servizz tekniku. L-ogħla valur imkejjel fil-modalità manwali jew/u fil-modalità awtonoma għandu jitqies għall-approvazzjoni tat-tip.<br>Il-vetturi li għandhom livelli ġenerali tal-ħoss li jikkonformaw mar-rekwiżiti fil-paragrafu 6.2.8 tar-Regolament Nru 138(1) tal-UNECE b'marġni ta' +3 dB(A), ma humiex meħtieġa li jkunu mgħammra b'Sistema ta' Twissija Akustika ta' Vettura (AVAS, Acoustic Vehicle Alerting System). Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 6.2.8 ta' dak ir-Regolament għal baned ta' terz ta' ottava u r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 6.2.3 ta' dak ir-Regolament għax-xift tal-frekwenza kif definit fil-paragrafu 2.4 ta' dak ir-Regolament ("xift tal-frekwenza") ma għandhomx japplikaw għal dawk il-vetturi biex tiġi ddeterminata l-ħtieġa għall-AVAS indipendentement minn jekk il-vetturi |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | jinstaqux f'modalità manwali jew awtomatizzata matul it-test.<br>Il-punt R tas-sit tas-sewwieq għandu jitqies bħala l-aktar punt R baxx tas-sits tal-passiġġieri fl-ewwel ringiela tas-sits.<br>Proċedura tat-test użata/arranġament speċjali li għandu jiġi rreġistrat fir-rapport tat-test."; |

(c) fil-Parti II, fit-tabella, l-entrati għall-partiti B14 u G1 jitħassru;

(d) il-Parti III hija emendata kif ġej:

(i) fl-Appendiċi 1 it-tabella hija emendata kif ġej:

(1) l-entrata għall-partita B14 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "B1 4 | Sistemi ta' Twissija Akustika ta' Vettura | Ir-Regolament tan-NU Nru 138 | X | X | X | X"; |

(2) l-entrata għall-partita G1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "G1 | Livell tal-ħoss | Ir-Regolament tan-NU Nru 51 | X<br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | G<br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | G<br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | G<br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor."; |

(3) l-entrata għall-partita GA1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "GA 1 | Livell tal-ħoss | Ir-Regolament tan-NU Nru 51 | X<br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | G<br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | G<br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | G<br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor."; |

(ii) fl-Appendiċi 2, it-tabella hija emendata kif ġej:

(1) l-entrata għall-partita B14 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "B14 | Sistemi ta' | Ir-Regolament tan- | X | X | X | X | X | X | mhux | mhux | mhux | mhux |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Twissija Akustika ta' Vettura | NU Nru 138 | | | | | | | fil-kamp ta' applikazzjoni | fil-kamp ta' applikazzjoni | fil-kamp ta' applikazzjoni | fil-kamp ta' applikazzjoni"; |

(2) l-entrata għall-partita G1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "G1 | Livell tal-ħoss | Ir-Regolament tan-NU Nru 51 | X | X | X | X | X | X | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni"; |

(3) l-entrata għall-partita GA1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "GA1 | Livell tal-ħoss | Ir-Regolament tan-NU Nru 51 | X | X | X | X | X | X | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni"; |

(iii) fl-Appendiċi 3, it-tabella hija emendata kif ġej:

(1) l-entrata għall-partita B14 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "B14 | Sistemi ta' Twissija Akustika ta' Vettura | Ir-Regolament tan-NU Nru 138 | X"; |

(2) l-entrata għall-partita G1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "G1 | Livell tal-ħoss | Ir-Regolament tan-NU Nru 51 | G<br><br>Modifika fit-tul tas-sistema tal-egżost hija permessa mingħajr il-ħtieġa ta' ttestjar mill-ġdid, dment li l-pressjoni inversa tal-egżost tibqa' simili."; |

(3) l-entrata għall-partita GA1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "GA1 | Livell tal-ħoss | Ir-Regolament tan-NU Nru 51 | G<br><br>Modifika fit-tul tas-sistema tal-egżost hija permessa mingħajr il-ħtieġa ta' ttestjar mill-ġdid, dment li l-pressjoni inversa tal-egżost tibqa' simili."; |

(iv) fl-Appendiċi 4, it-tabella hija emendata kif ġej:

(1) l-entrata għall-partita B14 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "B14 | Sistemi ta' Twissija Akustika ta' Vettura | Ir-Regolament tan-NU Nru 138 | X | X | X | X | X | mhux fil-kamp ta' applika | mhux fil-kamp ta' applikazzjon | mhux fil-kamp ta' applika | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni"; |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | zzjoni | i | zzjoni | |

(2) l-entrata għall-partita G1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "G1 | Livell tal-ħoss | Ir-Regolament tan-NU Nru 51 | G<br><br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | G<br><br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | G<br><br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | G<br><br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | G<br><br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni"; |

(3) l-entrata għall-partita GA1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "GA1 | Livell tal-ħoss | Ir-Regolament tan-NU Nru 51 | G<br><br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | G<br><br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | G<br><br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | G<br><br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | G<br><br>Modifika tat-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar sajlenser li ma taqbiżx 2,0 m hija permessa mingħajr ebda test ieħor. | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni"; |

(v) fl-Appendiċi 5, it-tabella hija emendata kif ġej:

(1) l-entrata għall-partita B14 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "B14 | Sistemi ta' Twissija Akustika ta' Vettura | Ir-Regolament tan-NU Nru 138 | X"; |

(2) l-entrata għall-partita G1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| “G1 | Livell tal-ħoss | Ir-Regolament tan-NU Nru 51 | G<br><br>Test li għandu jiġi mwettaq biss bil-vettura kompleta/kompluta. Il-vettura tista’ tiġi ttestjata f’konformità mar-Regolament tan-NU Nru 51 jew mad-Direttiva 70/157/KEE (sat-30 ta’ Ġunju 2027). Il-valuri ta’ limitu li ġejjin huma applikabbli, irrispettivament mill-kundizzjonijiet tal-vettura bħat-tip ta’ magna, it-tip ta’ gerboks u kwalunkwe sottoklassifikazzjoni:<br>(a) 81 dB(A) għal vetturi b’saħħa tal-magna ta’ anqas minn 75 kW;<br>(b) 83 dB(A) għal vetturi b’saħħa tal-magna ta’ mhux anqas minn 75 kW iżda anqas minn 150 kW;<br>(c) 84 dB(A) għal vetturi b’saħħa tal-magna ta’ mhux anqas minn 150 kW.”; |

(3) l-entrata għall-partita GA1 hija sostitwita b’dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| “GA1 | Livell tal-ħoss | Ir-Regolament tan-NU Nru 51 | G<br><br>Test li għandu jiġi mwettaq biss bil-vettura kompleta/kompluta. Il-vettura tista’ tiġi ttestjata f’konformità mar-Regolament tan-NU Nru 51 jew mad-Direttiva 70/157/KEE (sat-30 ta’ Ġunju 2027). Il-valuri ta’ limitu li ġejjin huma applikabbli, irrispettivament mill-kundizzjonijiet tal-vettura bħat-tip ta’ magna, it-tip ta’ gerboks u kwalunkwe sottoklassifikazzjoni:<br>(a) 81 dB(A) għal vetturi b’saħħa tal-magna ta’ anqas minn 75 kW;<br>(b) 83 dB(A) għal vetturi b’saħħa tal-magna ta’ mhux anqas minn 75 kW iżda anqas minn 150 kW;<br>(c) 84 dB(A) għal vetturi b’saħħa tal-magna ta’ mhux anqas minn 150 kW.”; |

(vi) fl-Appendiċi 6, it-tabella hija emendata kif ġej:

(1) l-entrata għall-partita B14 hija sostitwita b’dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| “B14 | Sistemi ta’ Twissija Akustika ta’ Vettura | Ir-Regolament tan-NU Nru 138 | X | mhux fil-kamp ta’ applikazzjoni”; |

(2) l-entrata għall-partita G1 hija sostitwita b’dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| “G1 | Livell tal-ħoss | Ir-Regolament tan-NU Nru 51 | G<br><br>Test li għandu jiġi mwettaq biss bil-vettura kompleta/kompluta. Il-vettura tista' tiġi ttestjata f’konformità mar-Regolament tan-NU Nru 51 jew mad-Direttiva 70/157/KEE (sat-30 ta’Ġunju 2027). Il-valuri ta’ limitu li ġejjin huma applikabbli, irrispettivament mill-kundizzjonijiet tal-vettura bħat-tip ta’ magna, it-tip ta’ gerboks u kwalunkwe sottoklassifikazzjoni:<br>(a) 81 dB(A) għal vetturi b’saħħa tal-magna ta’ | mhux fil-kamp ta’ applikazzjoni”; |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | anqas minn 75 kW;<br><br>(b) 83 dB(A) għal vetturi b'saħħa tal-magna ta' mhux anqas minn 75 kW iżda anqas minn 150 kW;<br><br>(c) 84 dB(A) għal vetturi b'saħħa tal-magna ta' mhux anqas minn 150 kW. | |

(3) l-entrata għall-partita GA1 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "GA1 | Livell tal-ħoss | Ir-Regolament tan-NU Nru 51 | G<br><br>Test li għandu jiġi mwettaq biss bil-vettura kompleta/kompluta. Il-vettura tista' tiġi ttestjata f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 51 jew mad-Direttiva 70/157/KEE (sat-30 ta'Ġunju 2027). Il-valuri ta' limitu li ġejjin huma applikabbli, irrispettivament mill-kundizzjonijiet tal-vettura bħat-tip ta' magna, it-tip ta' gerboks u kwalunkwe sottoklassifikazzjoni:<br><br>(a) 81 dB(A) għal vetturi b'saħħa tal-magna ta' anqas minn 75 kW;<br><br>(b) 83 dB(A) għal vetturi b'saħħa tal-magna ta' mhux anqas minn 75 kW iżda anqas minn 150 kW;<br><br>(c) 84 dB(A) għal vetturi b'saħħa tal-magna ta' mhux anqas minn 150 kW. | mhux fil-kamp ta' applikazzjoni". |